# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2502

**Kaz Numru 3051/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Alessandro Bruno (ID 046017A)**

**u**

**GVC New Limited u Gaming VC Corporation Limited jew min minnhom**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 29 ta' Novembru, 2017**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Alessandro Bruno fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-3 t'Awwissu, 2012, fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu sija minn ma' Gaming VC Ltd., u minn ma' GVC New Ltd., ma kienetx wahda valida 'ai termini' tal-ligi ghaliex ma gewx osservati l-provedimenti tal-Kapitolu 452 u regolamenti sussidjarji fir-rigward. Min-naha ta' GVC New Ltd., sostniet illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mall-Appellant ghaliex dan qatt ma kien impjegat maghha.

Min-naha ta' Gaming VC Corporation Ltd., sostniet li l-impieg tal-Appellant gie fi tmiemu minn maghha ghaliex kien gie trasferit lejn il-GVC New Ltd 'in seguito' ta' trasferiment ta' negozju.

Fuq talba tas-Socjeta' ntimata Gaming VC Corporation Ltd., it-Tribunal intalab jittratta eccezzjoni preliminari mqajjma u cjoe jekk it-talba tal-Appellant hiex preskritta bit-terminu ta' 4 xhur. It-Tribunal kien iddikjara li r-rikors promotur tal-Appellant kien gie sottomess *entro termine.*

Wara, t-Tribunal kien ipproceda billi preliminarjament kellu jiddeciedi jekk it-transazzjoni kummercjali li sehhet bejn iz-zewg kumpaniji ntimati kienetx tikkostitwixxi 'Trasferiment ta' Negozju'. Fl-istess waqt, it-Tribunal intalab ukoll jittratta eccezzjoni preliminari mqajjma minn GVC New Ltd., dwar jekk ghandiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, minhabba li hija mhiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri peress li l-Appellant qatt ma kien impjegat maghha.

It-Tribunal kien iddecieda li t-transazzjoni li saret bejn iz-zewg kumpaniji kienet tikkostitwixxi 'Trasferiment ta' Negozju' u ma laqax it-talba ta' GVC New Ltd., sabiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. GVC New Ltd., kienet appellat minn din id-decizjoni izda l-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat dak deciz minn dan it-Tribunal.

Sabiex wasal ghad-decizjoni finali, dan it-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa min-nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri.

- **Rapprezentanza**

Alessandro Bruno li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kien fil-bidu assistit mill-Avv. Josette Grech u aktar tard mill Avv. Mario Demarco.

Gaming VC Corporation Ltd. kienet irraprezentata minn Karl Diacono assistit mill Avv. Paul Gonzi.

GVC New Ltd., kienet irraprezentata mill-Avukat Jonathan Thompson.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie ngaggat ma' Gaming VC Corporation Ltd. nhar id-9 ta' Gunju, 2008, fuq kuntratt indefinit fil-kariga ta' *Customer Service Administartor.*

Nhar is-6 ta' Marzu, 2012, l-Appellant kien gie nfurmat illi x-xoghol konness ma' Betaland kien ser jigi trasferit lil GVC New Ltd.

Nhar l-10 ta' Marzu, 2012, fl-laqgha li organizza il-*Management* ta' Gaming VC Corporation Ltd., fejn prezenti kien hemm ukoll rapprezentant ta' GVC New Ltd., l-Appellant kien gie offrut impieg ma' GVC New Ltd., fl-istess kariga, pero' b'kundizzjonijiet differenti.
Nhar is-16 ta' Marzu, 2012, Gaming VC Corporation Ltd. infurmat lill-Appellant permezz ta' *E-mail* li jekk sa tlett ijiem wara, ma jircievux il-kuntrarju, jkunu qed jifmhu li huwa kien qieghed jaccetta li jkun trasferit ma' GVC New Ltd.

Fis-16 ta' Mejju, 2012, il-konsulenti legali ta' Gaming VC Corporation Ltd. infurmaw lill-Appellant li l-*Lotteries & Gaming Authority* approvat it-trasferiment tal-licenzji konnessi ma' Betaland lil GVC New Ltd., u li ghaldaqstant it-trasferiment ta' negozju sar b'sehh mill-4 ta' Mejju, 2012. Fl-istess jum, l-Appellant skopra minghand l-ETC li l-impieg tieghu gie mitmum minn ma' Gaming VC Corporation Ltd., b'effett mit-30 ta' April, 2012.

Minkejja dan, l-Appellant baqa' jattendi ghax-xoghol sal-21 ta' Mejju, 2012, u dan f'xenarju fejn ma kienx jaf ezatt ma' minn kien propjament impjegat.
Nhar l-20 u l-26 ta' Mejju, 2012, l-Appellant kellu laqghat ma' ufficjali ta' GVC New Ltd., dwar kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu u li pero' ma kinux gew konkluzi b'mod posittiv.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Alessandro Bruno** l-Appellant, beda x-xhieda elaborata tieghu billi qal li huwa kien beda jahdem ma' Gaming VC Corporation Ltd., madwar 4 snin qabel bhala *Customer Service Administrator.* Nhar is-6 ta' Marzu, 2012, huwa kien gie nfurmat minn Angele Bartolo *HR Manager* li kien ser ikun hemm *transfer of business* u f'dan il-kuntest nhar l-10 ta' Marzu, 2012, huwa attenda laqgha fejn kien hemm anke prezenti ufficcjali ta' GVC New Ltd. F'din il-laqgha l-Appellant qal li kien gie offrut impjieg, pero' b'kundizzjonijiet inferjuri. Fosthom salarju annwali ta' €9,000 anqas u minghajr il-beneficcji ta' *private insurance scheme* u *pension plan* li huwa kellu.

Ix-xhud kompla jghid li fil-gimghat ta' wara kienu diversi d-drabi fejn ikkuntattja liz-zewg Socjetajiet dwar certa nformazzjoni, u dan peress li ma kienx cert dwar kif l-affarijiet kienu qeghdin jevolvu fir-rigward tal-futur tal-impieg tieghu.
Dwar dan, nhar il-11 ta' Mejju, 2012, ix-xhud qal li rcieva *E-mail* minghand Angele Bartolo *HR Manager* u nhar is-16 ta' Mejju, 2012, ircieva ittra minghand il-konsulenti legali ta' Gaming VC fejn inghata aktar dettalji u konferma li kien sehh it-*transfer of business* b'effett mill-4 ta' Mejju, 2012. Fil-waqt illi x-xhud stqarr illi bejn l-20 u 26 ta' Mejju, 2012, huwa kellu laqghat ma' ufficjali ta' GVC New dwar l-impieg tieghu maghhom u l-kundizzjonijiet relatati, huwa qal li ma kien intlahaq l-ebda ftehim peress illi huwa kien insista li flimkien mall-kuntratt tax-xoghol , kellu jigi ffirmat *side agreement* li kien jesigi li f'kaz li jigi konfermat li kien sehh *transfer of business* bejn is-Socjetajiet intimati dan il-kuntratt kellu jkun meqjus null u l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu jkunu 'in konformita' ma' kif tistipula l-ligi f'kaz ta' *transfer of business*.
Ix-xhud qal li fis 16 u fit-28 ta' Mejju, 2012, mar ghand l-ETC (il-lum Jobsplus) fejn talab *employment history* tieghu u minn hemmhekk skopra illi fil-waqt illi l-impieg tieghu kien gie mitmum minn ma' Gaming VC u dan b'effett mit-30 t'April, 2012, bir-raguni tkun *transfer of business*, ma kien hemm xejn li jindika li kien impjegat ma' xi hadd iehor. L-Appellant kompla x-xhieda tieghu billi qal illi huwa baqa' jattendi ghax-xoghol sa' nhar il-21 ta' Mejju, 2012, u waqaf peress li ma kienx cert min kien l-*employer* tieghu. Huwa qal li l-pagament tal-ahhar salarju baqa' ma rceviehx. F'seduta sussegwenti, x-xhud qal li Gaming VC kienu nfurmawh li GVC New kienu ser ikunu l-*employers* il-godda tieghu. Ix-xhud sahaq li meta sar jaf b'din l-informazzjoni minghand l-ETC talab liz-zewg kumpaniji sabiex jghidulu min kien l-*employer*, u meta hadd ma wiegbu ma dahalx aktar ghax-xoghol. Ix-xhud ikkonferma li l-*HR* ta' Gaming VC kienet staqsietu li jekk ma jisimghux minghandu jkun ifisser li huwa accetta l-impjieg ma' GVC New. F'dan il-kuntest huwa kien qalilha li huwa kien ser jaccetta li jmur ma' GVC New, pero' dan kien qabel ma kien jaf il-kundizzjonijiet li ser joffrulu.
Huwa qal li ma' Gaming VC huwa kellu madwar €36,000 *gross* fis-sena u GVC New kienu offrewlu madwar €27,000 *gross* u €500 ohra fix-xahar apparti. Huwa qal li qatt ma ffirma dak il-kuntratt ma' GVC New, u meta f'nofs Mejju 2012 kien mar jiccekkja mall-ETC kien gie infurmat li Gaming VC kienu baghtu dokumentazzjoni li l-impjieg tieghu maghhom kien intemm. Huwa kompla li dan kien sar minn wara dahru u minkejja li kien ghadu qieghed jidhol ghax-xoghol. Ix-xhud qal li kagun ta' dan it-temm tal-impjieg kellu jsib xoghol l-Ingilterra fejn dam 10 xhur sa Gunju 2013, fejn kellu

salarju *gross* ta' £2,500 mensili, u dan wara li dam bla xoghol min Mejju sal-5 t'Awwissu 2012.
Huwa qal li meta l-kumpanija xxifjat il-*business* mill-Ingilterra ghal Gibilta, huwa iddecieda li jerga' jigi Malta f'Mejju 2013. Ix-xhud kompla li wara r-ritorn tieghu Malta dam sa Awwissu, 2014, biex sab xoghol. Ix-xhud kompla li meta jikkalkula din l-istorja xi swietlu, jghid li gietu madwar €30,000, inkluz l-ispejjez legali.
Ix-xhud qal li bhal issa qed jahdem ma' kumpanija jisimha Wikario fil-kariga ta' *Web Master.*
Ix-xhud sostna li huwa ma kienx accetta l-kuntratt gdid ma' GVC New ghaliex dawn kienu qed joffrulu salarju inferjuri u kien qed jifhem li meta jiffirma kuntratt gdid kien qed jirrinunzja minn 4 snin anzjanita lavorattiva li kellu mall-Gaming VC u li kien ser jerga' jkollu '*probationary period*'.
Ix-xhud qal li huwa kien sar jaf biss li l-impjieg tieghu kien gie mitmum meta huwa minn rajh mar ghand l-ETC. Ix-xhud kompla li meta sar jaf b'dan huwa kien informa kemm lill-Gaming VC u anke lil GVC New.
Ix-xhud qal li huwa talab spjegazzjonijiet fis-sens sabiex xi hadd minnhom jinfurmah jekk kienx ghadu mpjegat maghhom u jekk ghandux jibqa' jirraporta ghax-xoghol. Ix-xhud fil-waqt li ddikjara li huwa qatt ma rcieva risposta u ma baqax jirraporta ghax-xoghol, sostna li kieku rcieva xi risposta huwa kien jibqa' jirraporta ghax-xoghol.
Ix-xhud qal li wara li huwa gie disimpjegat kien ghamel diversi attentati biex jahdem kemm lokalment u anke barra minn Malta sakemm kien gie mpjegat ma' Rank Digital & Blue Square Ltd gewwa r-Renju Unit.
Ix-xhud spjega li l-ahhar pagament li kien ircieva kien minghand Gaming VC u dan kien sat-30 t'April, 2012 , u li l-ahhar gurnata xoghol tieghu kienet 21 ta' Mejju, 2012.
Ix-xhud ikkonferma li fil-korrispondenza li huwa kien ircieva minghand Gaming VC dwar il-ftehim bejn iz-zewg entitatijiet (Gaming VC u GVC New) kien hemm li kien ser isir *transfer* u li huwa kien ser ikun impjegat ta' GVC New.

**Angele Bartolo** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tokkupa l-kariga ta' *Human Resources & Administration Manager* mas- Socjeta' ntimata Gaming VC Corp. Ltd., fejn ilha tahdem ghal 4 snin. Hija qalet li fis-6 ta' Marzu, 2012, ntbaghtet *E-mail* lill-impjegati fejn gew mgharrfa li hemm ippjanat *transfer* tax-xoghol konness mall-kumpanija Betaland, fejn sussegwentament fl-10 ta' Marzu, 2012, giet organizzata laqgha bejn l-impjegati u rapprezentanti tal-kumpanija l-gdida GVC New Ltd., li lilha kien ser jigi trasferit ix-xoghol ta' Betaland.

Kompliet li fis-16 ta' Marzu, 2012, permezz ta' *E-mail*, l-impjegati gew mitluba jikkonfermaw jekk humiex jaqblu ma' dak li gie diskuss f'dik il-laqgha. Stqarret li l-Appellant kien wiegeb li huwa qed jaccetta li jigi trasferit ghal mall-kumpanija l-gdida.
Ix-xhud kompliet li fit-3 t'April, 2012, iz-zewg Socjetajiet intimati ftehmu t-termini ta' kif kellu jsir it-trasferiment tan-negozju li kien jinkludi t-trasferiment tal-impjegati. Dan pero' kien suggett ghall-approvazzjoni tal-LGA.
Ix-xhud kompliet li fil-waqt li mall-ETC it-tmiem tal-impieg tal-Appellant gie indikat li sehh fit-30 t'April, 2012, fis-16 ta' Mejju, 2012, l-impjegati gew mgharrfa permezz ta' ittra li kienet tindika l-4 ta' Mejju, 2012, bhala d-data li sehh it-*transfer of business*.
Ix-xhud filwaqt li qalet li l-impjegati gew imhallsa s-salarji taghhom sa l-ahhar ta' April, 2012, qalet ukoll li l-impjegati qatt ma nghataw kopja ta' dak li kien gie miftiehem nhar it-3 t'April, 2012, bejn is-Socjetajiet intimati.
Fir-rigward ta' x'informazzjoni giet mghoddija lill-impjegati 'ai termini' ta' Artiklu 6 dwar *transfer of business protection of employees regulations*, ix-xhud qalet li kienu ghaddew diversi *E-mails* fejn bazikament kien gie mgharraf li kien ser isir it-trasferiment tax-xoghol ghal ma' kumpanija ohra u li kien ha jkollhom kuntratt gdid maghhom.

**Karl Diacono** xehed li huwa Direttur mas-Socjeta' ntimata Gaming VC Corporation Ltd. Huwa ta spjegazzjoni dettaljata tan-negozjati li kienu ghaddew bejn iz-zewg socjetajiet intimati dwar bejgh ta' parti min-negozju u li kienu damu xhur sakemm waslu ghall-ftehim li kien gie ffirmat fit-3 t'April, 2012. Ftehim li kien jinkludi kif kien ser jigi trasferit il-*business*, kif wkoll it-trasferiment ta' numru ta' mpjegati.
Ix-xhud spjega li dan il-ftehim kien kundizzjonat mill-accettazzjoni tal-LGA ghat-trasferiment tan-negozju. Accettazzjoni li kienet giet nhar il-4 ta' Mejju, 2012, qal ix-xhud.
Ix-xhud kompla li kienet saret laqgha bejn is-socjetajiet intimati fejn fiha gew spjegati l-obbligi legali li kellha s-socjeta' li kienet qed tixtri u dan fl-ambitu tal-protezzjoni li toffri l-ligi lill-impjegati effettwati minn '*transfer of business*'.
Ix-xhud spjega li skond il-ftehim riferut, is-Socjeta' ntimata Gaming VC kienet obbligata thallas lill-impjegati nvoluti sad-data tal-ftehim u cjoe sat-3 t'April, 2012, kif effettivament ghamlet.
Dan ghaliex, skond ix-xhud, it-trasferiment tal-impjegati kien sar effettiv minn dakinhar tad-data tal-ftehim.

Ix-xhud stqarr li l-impjegati ma kienux konxji tad-dettalji li kien fih il-ftehim li kien sar bejn is-socjetajiet intimati.
Meta saret referenza ghall-ittra li kienu rcevew l-impjegati minghand is-socjeta' ntimata Gaming VC fejn kienet tindika d-data tat-*transfer of business* bhala l-4 ta' Mejju, 2012, li kienet l-istess data ta' meta l-LGA accettaw li jsir it-trasferiment tan-negozju, x-xhud qal li pero' l-*effective date of transfer of business* saret fit-3 t'April, 2012.
Mistoqsi jekk min-naha tas-socjeta' tieghu, l-impjegati gewx mgharrfa bl-informazzjoni kif tipprovdi l-ligi, x-xhud irrisponda li huwa ma kienx inkarigat mill-komunikazzjoni mal-impjegati izda dan l-inkarigu kien ta' Ms. Angele Bartolo.

**Antonio Ricci** introduca ruhu bhala wiehed mix-*shareholders t*a' GVC New Ltd., li topera fil-qasam tal-*Gaming Business*. Huwa qal li n-negozjar ma' Gaming VC beda lejn Frar/Marzu 2012, liema negozjar wassal sabiex intlahaq qbil li jinxtraw minghandhom il-*Gaming Licence* u l-*Customer Database*.
Fir-rigward tal-impjegati, x-xhud qal li wahda mill-kundizzjonijiet kienet li huwa kellu jaghzel l-impjegati minn lista li kienet intbghatet lilu minn Gaming VC u li kienet taghmel parti mill-Ftehim bejn is-socjetajiet. Ix-xhud ikkonferma li l-isem tal-appellant kien fil-lista. Ix-xhud qal li huwa kien iltaqa' mall-impjegati fil-lista wara li kien gie ffirmat il-Ftehim.
Ix-xhud qal li jaf li maghha kien hemm impjegati bejn 35 u 40 impjegat u li minnhom kien ghazel 25/26. Ix-xhud qal li wara huma (GVC New) kienu bidlu s-*software* u xtraw *hardware* gdid. Ix-xhud qal li minghand Gaming VC giet akkwistat biss il-licenzja u sostna li wara l-akkwist tal-licenzja ma kienx hemm aktar kuntatt bejn iz-zewg socjetajiet. Huwa qal li kien iltaqa' mall-Appellant il-gimgha ta' wara l-iffirmar tal-Ftehim.
Ix-xhud qal li minghand Gaming VC kienu akkwistaw il-Betaland Licence, u li l-impjegati ta' Gaming VC kienu jahdmu kemm ghal Betaland u anke ghal Betclue, Betpro u Betbu. Sostna li din l-informazzjoni kien gabha minghand l-impjegati fosthom l-Appellant.
Ix-xhud qal li l-licenzja tkun *issued* mill-Malta Lotteries & Gaming Authority. Huwa qal ukoll li minkejja li l-Ftehim kien jinkludi wkoll kemm is-*software* u anke l-*hardware* huma qatt ma uzawhom ghaliex xtraw il-gdid.
Huwa sostna li meta xtraw il-licenzja u l-*brand*, ghalih dak ma kienx trasferiment ta' negozju. Ix-xhud ikkonferma li l-*business* li kien isir minn Gaming VC u GVC New kien simili bhala *Betting Companies*.
Ix-xhud ikkonferma li nhar it-13 t'April, 2012, huma kienu nfurmaw lill-impjegati li kienu fuq il-'Betaland business' li kienu qed joffrulhom impjieg gdid. F'dan il-kuntest huwa qal li kien invita lill-Appellant fl-ufficcju tieghu,

tkellem mieghu, offrielu impjieg u l-Appellant wiegbu le. Ix-xhud spjega li l-kundizzjonijiet li kien offrielu kienu differenti minn dawk li kellu fosthom salarju inqas. Qal ukoll li l-Appellant kien jahdem fil-*Customer Service* u ried isir *Fraud Manager.*
Ix-xhud spjega li GVC New kienet ftehmet ma' Gaming VC li ghal certu perjodu, l-impjegati tieghu jibqghu jahdmu mill-*premises* ta' Gaming VC, b'GVC New thallas *lease*, il-kera tal-post u s-salarji tal-impjegati maghzula.
Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk l-impjegati li ghazluhom sabiex jibqghu maghhom kienux suggetti ghal perjodu ta' *probation.* Ix-xhud dan qalu filwaqt li kkonferma li l-impjegati ta' kumpanija registrata mal-LGA ried ikollhom approvazzjoni tal-LGA qabel jaqbdu jahdmu. Ix-xhud ikkonferma li t-titlu propju tal-Ftehim iffirmat bejn iz-zewg kumpaniji kien juri '*Licensed Business Transfer Agreement'.*
Ix-xhud ikkonferma li l-lista tal-impjegati li kienet tifforma parti mill-Ftehim kienu jahdmu fuq Betaland u li isem l-Appellant kien fil-lista. Ix-xhud stqarr li huwa kien iltaqa ma' kull impjegat indikat fuq il-lista kemm qabel u anke wara li kien gie iffirmat il-Ftehim. Huwa ikkonferma li kien konxju mill-kundizzjonijiet li kellhom l-impjegati fil-lista, inkluz dak tal-Appellant, qabel gie iffirmat il-Ftehim. Ix-xhud stqarr li huwa kien offra salarji godda lill-impjegati u li kienu forsi minn10% sa 20% anqas u kollha accettaw. Meta mistoqsi jghid ghala l-Appellant ma accettax l-offerta tieghu, ma cahadx li din kienet tfisser €9,000 annwali anqas milli kellu ma' Gaming VC. Ix-xhud qal li meta tkellem mall-impjegati dwar il-proposti tieghu, il-posizzjoni kienet jew jaccettawhom jew jibqghu ma' Gaming VC. Huwa kkonferma li ghax-xahar ta' April, 2012 is-salarji thallsu minn Gaming VC izda wara GVC New hallsitha taghhom. Ix-xhud insista li ghalih minn ma accettax il-proposti tieghu, jfisser li telqu minn Gaming VC u mhux minn mall-kumpanija tieghu.

**Christopher Attard** beda jixhed billi qal li huwa awditur u li l-aktar l-klijenti tieghu huma tal-*Financial Services* u tar-*Remote Gaming*. Stqarr li huwa jaghti servizzi lill GVC New bhala konsulent finanzjarju.
Huwa qal li kien assista lil GVC New fin-negozjati li kellha mall-parti l-ohra sabiex jiehdu *over* licenzji mahrugin mil-LGA. Dan sar fl-ambitu li huma riedu jifthu *remote gaming business* f'Malta.
Ix-xhud stqarr li fin-negozjati li wasslu ghall-ftehim kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jekk dak li kien qed isir bejniethom kienx *transfer of business* u disputa dwar jekk l-impjegati li kien hemm ezistenti ghandhomx jittiehdu *over* min-naha l-ohra. Ix-xhud ikkonferma li konxju li l-ligi tobbliga lil min jiehu x-xoghol jew parti minnu ta' kumpanija huwa obbligat joffri l-istess kundizzjonijiet li kellhom.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Jonathan Thompson** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata GVC New Ltd., beda b'trasferiment ta' negozju illi qal li meta sar il-ftehim bejn iz-zewg kumpaniji kien hemm diskrepanza ta' hsieb legali fuq jekk it-transazzjoni li kienet saret bejniethom tikkostitwix trasferiment ta' negozju. Huwa qal li f'dan l-isfond kienu trattativi bejn iz-zewg kumpaniji sabiex jigi mhares l-impjieg tal-impjegati li kienu ser ikunu effettwati b'dak li sar bejniethom.
Dr. Thompson sostna li l-impjegati effettwati kellhom il-fakulta li jekk il-pakkett li kien qed jigi offrut minn GVC New ma kienx accettabbli u allura ma kienux qed jaccettaw l-impjieg, huma kellhom il-fakulta li jibqghu ma' Gaming VC. Huwa kompla li f'dan ir-ragunament Bruno la accetta dak offrut lilu minn GVC New u pero' l-anqas informa lill-Gaming VC li jrid jibqa' maghhom.
Dr. Thompson tenna li Gaming VC temmet l-impjieg ta' Bruno stante li huwa ma kienx gharrafha li mhuwiex jaccetta t-termini ta' GVC New. Huwa sostna li meta Bruno sar konxju mill-ETC li l-impjieg tieghu kien gie mitmum, huwa kellu c-cans li jikkuntattja lill-Gaming VC illi mhuwiex jaqbel mar-raguni ghalxiex temmewlu l-impjieg. Izda tenna Dr. Thompson li anke hawn Bruno ma ghamel xejn.
Dr. Thompson qal li Bruno ikkomprometta ruhu meta kiteb liz-zewg kumpaniji u talabhom jikkonfermawlu jekk huwiex impjegat taghhom u li fin-nuqqas ta' risposta ma kienx ser jibqa' jidhol xoghol, kif fil-fatt ghamel meta huwa ma rcieva l-ebda risposta.
Dr. Thompson irraguna li f'dik is-sitwazzjoni Bruno kellu jmur ghand id-DIER u jiehu direzzjoni minn hemmhekk u mhux ma jidholx ghax-xoghol aktar. Dr. Thompson tenna li b'dak li ghamel Bruno mhux tkecca izda temm hu stess l-impjieg tieghu.

Dr. Thompson temm it-trattazzjoni tieghu billi ghamel referenza ghal kwalita ta' kumpens li qed jippretendi l-Appellant kagun ta' dak li qieghed jghid li sofra, fejn sahaq li fuq xi whud minnhom it-Tribunal m'ghandux kompetenza.
**Dr. Paul Gonzi** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata Gaming VC Corp. Ltd., beda billi qal li Dr. Thompson ma kienx korrett meta qal li l-impjegati effettwati b'dak li sar bejn iz-zewg kunpaniji kellhom xi ghazla li jekk ma jaccettawx dak offrut lilhom minn GVC New setghu jibqghu ma' Gaming VC. Tant insista Dr. Gonzi li l-passi amministrattivi li hadet Gaming VC fil-konfront tal-impjegati riferuti kienu 'in konformita' mal-ligi fejn jidhol trasferiment ta' negozju. Dr. Gonzi qal li anke mall-ETC, Gaming VC bhala raguni kitbet

li l-impjieg kien qed jintemm minhabba trasferiment ta' negozju. Stat ta' fatt li mhux biss gie deciz minn dan it-Tribunal izda anke mill-Qorti tal-Appell.
Dr. Gonzi insista li appena sar it-trasferiment ta' negozju, Bruno ma baqax impjegat taghhom. Tant, kompla Dr. Gonzi, li Bruno anke kien infurmat b'dan mill-ETC li l-impjieg tieghu kien intemm minn ma' Gaming VC propju minhabba f'hekk.
Dr. Gonzi sahaq li f'dan ix-xenarju Gaming VC ma tistax tinzamm responsabbli ta' dak li gara bejn Bruno u GVC New, l-ewwel nett ghaliex wara t-trasferiment ta' negozju li sar bejn iz-zewg kumpaniji, Bruno kien sar impjegat ta' GVC New, u t-tieni ghaliex l-impjieg ta' Bruno ma ssoktax ghaliex huwa ma accettax li jitnaqqsulu l-kundizzjonijiet tieghu. Xi haga li skont Dr. Gonzi, GVC New ma setghetx taghmel fl-ambitu ta' trasferiment ta' negozju.
Dr. Gonzi temm billi ukoll irrefera ghall-ammont ta' kumpens monetarju li l-Appellant qed jghid li sofra bhala danni b'rizultat tat-temm tal-impjieg tieghu fejn qal li fir-rigward ta' xi whud minnhom huwa seta' mar quddiem Qorti ohra.

**Dr. Mario DeMarco** ghan-nom tal-Appellant beda t-trattazzjoni tieghu billi qal li dan il-kaz tqajjem quddiem dan it-Tribunal propju ghaliex GVC New assolutament ma riedetx tirrikonoxxi li dak li sar bejna u bejn Gaming VC kien jikkostitwixxi trasferiment ta' negozju u konsegwenza ta' hekk baqghet tinsisti li ma tirrikonoxxix ir-regoli Maltin f'dan ir-rigward.
Dr. Demarco semma kif GVC New insistiet illi huma kellhom kull dritt joffru lil Bruno kundizzjonijiet differenti minn dawk li kellu ma' Gaming VC. Semma li jghidu wkoll li huma qatt ma keccewh ghaliex qatt ma mpjegawh.
U dan, Dr. Demarco tenna, sehh filwaqt li Gaming VC kienet infurmat lil Bruno li l-impjieg tieghu maghhom kien gie mitmum ninhabba trasferiment ta' negozju u filwaqt ukoll li Bruno baqa' xorta wahda jirraporta ghax-xoghol.
Dr. Demarco sahaq li kien x'kien dak li ftehmu bejniethom il-Ligi hija suprema u jekk kien hemm xi ekwivoku bejn il-kumpaniji m'ghandux jahti tieghu Bruno.
Dr. Demarco sostna li mhux vera li Bruno kellu xi ghazla ma' min imur jahdem wara li sehh it-trasferiment ta' negozju ghaliex appena huwa skopra tramite l-ETC li l-impjieg tieghu minn ma' Gaming VC kien intemm ghar-ragunijiet ta' trasferiment ta' negozju, allura anke jekk kien hemm, tali ghazla spiccat. Dan kollu, sahaq Dr. Demarco jrid ikun ikkunsidrat fl-ambitu tal-fatt li GVC New ma kinux qed jirrikonoxxuh bhala mpjegat taghhom tant li kienu qeghdin joffrulu kuntratt tax-xoghol gdid, b'kundizzjonijiet inferjuri. Agir

tenna Dr. Demarco li sehh ghaliex GVC New ma riedetx tirrikonoxxi l-effett tal-Ligi.
Dr. Demarco temm it-trattazzjoni tieghu billi spjega b'mod komprensiv ir-ragunijiet ghal xhiex Bruno kellu jkun kumpensat bil-mod kif talab.

- **Decizjoni**

It-Tribunal fela bir-reqqa dovuta kull dokument esebit inkluz, u xtarr b'attenzjoni l-argumenti kollha kif zvolgew matul il-process, u wasal ghall-konkluzjoni li din il-litigazzjoni sehhet ghaliex ma kienx hemm gharfien reciproku li t-transazzjoni kummercjali li saret bejn is-Socjeta' GVC New Ltd., u bejn Gaming VC Corporation Ltd., kienet tikkostitwixxi trasferiment ta' negozju.

U allura huwa propju f'din l-inkwadratura li dan it-Tribunal kellu jiddelibera jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant Bruno kienetx wahda valida 'ai termini' tal-**Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 'Regolamenti dwar Harsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju.**

It-Tribunal dan ghamlu fl-isfond ta' dawn il-fatti li hargu matul dan il-process:

1. Li s-Socjetajiet intimati nhar it-3 t'April, 2012, kienu ffirmaw ftehim intitolat '*Licenced Business Transfer Agreement*', liema ftehim kien jinkludi lista ta' mpjegati li kellhom jigu trasferiti bhala parti minn dan il-Ftehim u li l-Appellant Bruno kien imnizzel f'din il-lista.

2. Grupp ta' mpjegati u li l-Appellant kien wiehed minnhom kienu gew avzati mill-*HR* u mill-konsulenti legali ta' Gaming VC Corp. Ltd fil-11 u 16 ta' Mejju, 2012, li t-trasferiment ta' negozju sehh nhar l-4 ta' Mejju, 2012.

3. L-*Employment History* mahruga mill-ETC (illum Jobsplus) datata 28 ta' Mejju, 2012, turi li l-impjieg tal-Appellant Bruno minn ma' Gaming VC Corp. Ltd kien intemm fit-30 t'April, 2012, bir-raguni ndikata tkun '*Transfer of Business*'.

4. L-Appellant rcieva s-salarju t'April, 2012, minghand Gaming VC Corp.Ltd., u li tieghu l-istess Socjeta' rceviet rifuzjoni minghand GVC New Ltd., kif kien miftiehem bejniethom.

5. Bejn l-20 u s-26 ta' April, 2012, saru laqghat bejn l-Appellant u ufficcjali ta' GVC New Ltd., dwar kondizzjonijiet tax-xoghol li kienu qed jigu offruti lilu 'in seguito' ta' dak li sehh bejn is-Socjetajiet intimati, liema laqghat ma kellhomx ezitu posittiv. Fl-intier taghhom il-kondizzjonijiet offruti ma kinux l-istess li l-Appellant Bruno kellu ma' Gaming VC Corp.Ltd.
6. L-Appellant baqa' jidhol ghax-xoghol sal-21 ta Mejju, 2012, wara li huwa ma kienx ircieva risposta minghand is-Socjetajiet intimati meta talabhom informazzjoni dwar l-istat lavorattiv tieghu.
7. L-Appellant Bruno ma rcieva l-ebda salarju wara dak ta' April, 2012.

F'dan l-istess sfond, dan it-Tribunal iqis li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant minn mas-Socjeta' Gaming VC Corp.Ltd., datata 30 t'April, 2012 kien b'rizultanza ta' trasferiment ta' negozju u allura mhux bi ksur tal-Kap 452 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Tenut kont ta' din id-deliberazzjoni, dan it-Tribunal ihoss li appena dahal fis-sehh it-trasferiment ta' negozju riferut f'dan il-process u allura skatta **Art 38 (1) tal-Kap 452**, is-Socjeta' GVC New Ltd., ma ottempratx ruhha ma' dak li kienet obbligata tosserva fil-**Legislazzjoni Sussidjarja 452.85** u dan meta f'laqghat li ghamlet mall-Appellant ipproponiet diminuzzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xoghol li huwa kellu ma' Gaming VC Corp.Ltd.

Propju **Artiklu 3A (1)** tal-legislazzjoni riferuta jispecifika li: '**wara trasferiment, il-kuntratt tal-impieg ta' kull persuna li kienet giet impjegata minn min qed jittrassferixxi ghandu jkollu effett daqs li kieku sar originrjament bejn il-persuna hekk impjegata u l-persuna li qed tircievi t-trasferiment.**'

Tramite l-istess deliberazzjoni, dan it-Tribunal gie konvint li kienet l-insistenza ta' GVC New Ltd., li tnaqqas mill-kondizzjonijiet tax-xoghol li l-Appellant kellu ma' Gaming VC Corp.Ltd., li wasslet ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant.

**Artiklu 5 (3)** tal-legislazzjoni riferuta jispecifika li: **Kull meta trasferiment li jinvolvi bidla sostanzjali fil-kondizzjonijiet tax-xoghol ghad-detriment tal-impjegat jirrizulta fit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' l-impjieg, il-principal ghandu jitqies li kien responsabbli ghal tali terminazzjoni'.**

Tenut kont ta' dan kollu, dan it-Tribunal jiddikjara li unikament responsabbli ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant hija s-Socjeta' GVC New Ltd., u li din it-terminazzjoni saret bi ksur tal- Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal jqis is-somma ta' €16,250 bhala kumpens gust. Jordna li tali kumpens ghandu jithallas lill-Appellant mis-Socjeta' GVC New Ltd., fi zmien tmien gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**